Il-Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/0008(COD)

23.5.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013
(COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Sandra Pereira

(*) Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta’ Proċedura: Fernando Fernandez Martín, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta’ konsultazzjoni
***	Proċedura ta’ approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta’ att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa korsiva u grassa fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa korsiva u grassa. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 28

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 (COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0031),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0010/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill hija definita, fost l-oħrajn, abbażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 4(1) tar-	***imħassar***

Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], l-Istati Membri bħalissa huma obbligati jipprovdu data lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali.

---

[22] Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39).

Or. pt

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi ***jeħtieġu*** statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. ***Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.***	(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi ***huma bbażati fuq*** statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

Or. pt

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar ***fil-ħin, aktar frekwenti u aktar*** dettaljata dwar il-popolazzjoni, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju***. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.*** Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinsiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.	(11) Is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinsiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

Or. pt

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u	***imħassar***

migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.

Or. pt

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-istatistika regolari (annwali ***u infrannwali***) mtejba dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni msejsa fuq sorsi amministrattivi, jenħtieġ li tiġi kkumplimentata b'informazzjoni minn ċensimenti kkoordinati tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni li jsiru kull għaxar snin skont il-Prinċipji u r-Rakkomandazzjonijiet tan-NU. Daqstant importanti, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni huma opportunità unika biex l-istatistika uffiċjali tkun viżibbli, kemm mil-lat ta' operazzjonijiet u anki mil-lat ta' riżultati.	(18) L-istatistika regolari (annwali) mtejba dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni msejsa fuq sorsi amministrattivi, jenħtieġ li tiġi kkumplimentata b'informazzjoni minn ċensimenti kkoordinati tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni li jsiru kull għaxar snin skont il-Prinċipji u r-Rakkomandazzjonijiet tan-NU. Daqstant importanti, iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni huma opportunità unika biex l-istatistika uffiċjali tkun viżibbli, kemm mil-lat ta' operazzjonijiet u anki mil-lat ta' riżultati.

Or. pt

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew ***taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT)*** u ***l-forniment tas-servizzi diġitali***. ***Jenħtieġ li*** jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi	(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew ***billi jiġu konklużi protokolli bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri*** u ***l-fornituri tad-data minn bażijiet tad-data privati***. ***Jistgħu*** jintużaw ukoll biex

demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.	terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.
	Or. pt

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, ***hu kruċjali li*** l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ***jiksbu aċċess fil-ħin u*** jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.	(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ***jenħtieġ li*** jkunu jistgħu ***jiksbu l-aċċess, u*** jużaw fil-pront***,*** id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.
[31] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).	[31] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).
	Or. pt

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha.	(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha ***permezz tal-konklużjoni ta' protokolli speċifiċi tal-kondiviżjoni tad-data. Huwa meħtieġ li l-istituti nazzjonali tal-istatistika jkunu involuti fid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw it-tfassil ta' protokolli dwar sorsi tad-data minn bażijiet tad-data privati.***

Or. pt

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati	***imħassar***

riżultati fil-ħin, jeħtieġ li jiġu applikati ċerti metodi statistiċi u tekniki tal-immudellar bħas-"sinjali tal-ħajja" u r-"rata tas-soġġorn".

Or. pt

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika. L-aċċess għal din l-istatistika jenħtieġ li jkun bla ħlas u faċli, mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.	(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika. L-aċċess għal din l-istatistika jenħtieġ li jkun bla ħlas u faċli, mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha. ***Il-Kummissjoni (Eurostat) se tkun meħtieġa tiffaċilita t-tixrid tal-kontenut tal-bażi tad-data tagħha billi tagħmel l-interfaċċi tal-programmazzjoni tal-applikazzjonijiet disponibbli għall-utenti.***

Or. pt

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-	(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. ***B'mod partikolari***, fuq it-trażmissjoni diretta tad-data jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji.	Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu ***implimentati għalkollox id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu*** applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. ***Għal dan il-għan***, fuq it-trażmissjoni diretta tad-data jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji. ***Barra minn hekk, il-kondiviżjoni tad-data jenħtieġ li tkun soġġetta għal salvagwardji xierqa, inkluż l-anonimizzazzjoni u l-psewdoanonimizzazzjoni, għall-finijiet tal-ipproċessar bil-ħsieb ta' arkivjar fl-interess pubbliku, fl-interess tar-riċerka storika jew xjentifika jew għal finijiet oħra tal-istatistika.***
[37] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).	[37] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
	Or. pt

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex ***tkun*** tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-data li joħorġu ***mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u*** mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika,	(34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-data li joħorġu mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-

migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-data xierqa.

Kummissjoni (Eurostat) ***u l-Istati Membri, speċjalment l-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom jew awtoritajiet oħra tal-istatistika,*** jenħtieġ li twettaq studji pilota biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-data xierqa.

Or. pt

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[39]. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-	***imħassar***

tħejjija tal-atti delegati.

---

[39] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-premessa jistgħu jiġu adottati biss permezz ta' proċedura ta' kodeċiżjoni li fiha l-Parlament Ewropew jaġixxi bħala koleġiżlatur.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti ***delegati u*** ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru għal forniment tad-data b'perjodiċità inqas minn għaxar (10) snin, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati u għal żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati.	(38) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru għal forniment tad-data b'perjodiċità inqas minn għaxar (10) snin, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati u għal żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati.

Or. pt

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Meta ċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt (a) jew (b) ma jistgħux jiġu verifikati, ir-"residenza abitwali" għandha tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrat.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 763/2008 u tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 1260/2013 għandhom jiġu introdotti mill-ġdid, peress li r-reġistri tal-popolazzjoni ma jinkludux kompletament il-kunċett ta' "bażi tal-popolazzjoni" li jinsab fil-proposta tal-Kummissjoni, li tirreferi għall-perjodi ta' residenza. L-armonizzazzjoni ta' dan il-kunċett għal skopijiet futuri tista' tiġi prevista biss billi jiġu modifikati s-sistemi ta' reġistrazzjoni eżistenti jew billi jitfasslu reġistri ġodda.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati fl-Anness. L-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.	***imħassar***

Or. pt

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-anness ta' dan ir-Regolament għandhom isiru biss permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja li fiha l-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jixħtux piż sinifikanti u sproporzjonat fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ. Kull suġġett dettaljat ġdid għandu jiġi vvalutat fuq il-fattibbiltà tiegħu bi studji pilota mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) u mill-Istati	***imħassar***

Membri f'konformità mal-Artikolu 14.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-anness ta' dan ir-Regolament għandhom isiru biss permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja li fiha l-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 6 − paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ***trimestrali, biannwali,*** annwali u pluriennali, u f'ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.	1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni annwali u pluriennali, u f'ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Id-data dwar il-bażi tal-popolazzjoni għandha tkun meħtieġa f'intervalli annwali, minħabba d-diffikultajiet biex tiġi provduta data infra-annwali bl-użu tal-mudelli amministrattivi attwali.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-ewwel data ta' referenza li għaliha trid tingħata l-istatistika annwali dwar is-suġġett "stokkijiet tal-popolazzjoni" għandha tkun il-31 ta' Diċembru ***2025***. L-ewwel żmien ta' referenza li għalih trid tingħata kull statistika oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun ***fl-2026***.	5. L-ewwel data ta' referenza li għaliha trid tingħata l-istatistika annwali dwar is-suġġett "stokkijiet tal-popolazzjoni" għandha tkun il-31 ta' Diċembru ***2026***. L-ewwel żmien ta' referenza li għalih trid tingħata kull statistika oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun ***fl-2027***.

Or. pt

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex temenda l-Anness billi taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza.	***imħassar***

Or. pt

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-anness ta' dan ir-Regolament għandhom isiru biss permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja li fiha l-Parlament jaġixxi bħala koleġiżlatur.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Rekwiżiti tal-istatistika ad hoc	
1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu settijiet tad-data ad hoc u metadata lill-Kummissjoni (Eurostat).	
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament.	
3. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:	
(a) is-suġġetti dettaljati li jridu	

jingħataw fis-settijiet tad-data ad hoc u r-raġunijiet għal dawn il-ħtiġijiet statistiċi addizzjonali;

(b) iż-żminijiet ta' referenza.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati kif imsemmi fil-paragrafu 2 li jibdew mis-sena ta' referenza 2027 u bi intervall minimu ta' sentejn bejn kull ġbir ad hoc.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proprjetajiet tekniċi tas-settijiet tad-data ad hoc u l-metadata imsemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

(a) it-titoli tal-varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

(b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;

(c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li jridu jintużaw;

(d) l-iskadenzi tal-forniment.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2) fi żmien 12-il xahar qabel jibda ż-żmien ta' referenza.

Or. pt

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istatistika tal-perjodiċità trimestrali u biannwali fi żmien jum tax-xogħol wieħed wara l-pubblikazzjoni nazzjonali;	***imħassar***

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Id-data dwar il-bażi tal-popolazzjoni għandha tkun meħtieġa f'intervalli annwali, minħabba d-diffikultajiet biex tiġi provduta data infra-annwali bl-użu tal-mudelli amministrattivi attwali.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għad-data miġbura fil-livell tal-Istati Membri, skont id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-regolamenti ta' implimentazzjoni tiegħu.

Or. pt

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Aċċess fil-ħin u użu mill-ġdid tad-data amministrattiva	
1. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu mill-ġdid ta' din id-data fil-ħin u bi frekwenza biżżejjed biex jipproduċu u jissottomettu statistika sal-iskadenzi u konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità skont dan ir-Regolament. L-aċċess fil-ħin għar-rekords amministrattivi, u l-modalitajiet operazzjonali tiegħu, għandu jiġi inkluż fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jridu jiġu stabbiliti bejn dawk l-awtoritajiet	

nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u terġa' tuża fil-ħin id-data u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-data u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014, (UE) 2018/1724 u data statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS), f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-data statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għaldaqstant, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-data statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, il-modalitajiet operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha.

Or. pt

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda tal-premessa 20. L-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 diġà jipprevedi l-possibbiltà tal-użu mill-ġdid tad-data. Għalhekk mhi meħtieġa l-ebda dispożizzjoni addizzjonali f'dan ir-Regolament.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipparteċipaw f'dawk l-istudji ***iżda***, ***flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom*** jiżguraw ir-rappreżentattività	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jipparteċipaw f'dawk l-istudji, ***filwaqt li*** jiżguraw ir-rappreżentattività ***tagħhom*** fil-

ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni.	livell tal-Unjoni.

Or. pt

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) ***b'kooperazzjoni*** mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha ***tħejji rapporti b'kooperazzjoni mal-Istati Membri*** dwar is-sejbiet ta' dawk l-istudji.	3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat)***, flimkien*** mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha***, flimkien mal-Istati Membri, tħejji rapporti*** dwar is-sejbiet ta' dawk l-istudji.

Or. pt

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Tista'*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:	1. ***Għandha*** tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

Or. pt

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) it-titjib tar-riżorsi tekniċi u umani biex tiġi pprovduta forza tax-xogħol kwalifikata u stabbli billi jingħata lok lill-istituti nazzjonali tal-istatistika jew awtoritajiet kompetenti oħra li jirreklutaw

u jżommu l-persunal u jipprovdu taħriġ.

Or. pt

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(3), 6(6) and 7(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti dežinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(3), 6(6) u 7(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssirx oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. B'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.	

Or. pt

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti ***delegati jew*** ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien ***sa sentejn***.	1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, lill-Istat Membru, għal żmien ***massimu ta' tliet snin***.

Or. pt

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Finijiet
	Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u d-data tal-istatistika koperta minnu għandu jkollhom l-għan uniku li jiġbru, jipproduċu u jxerrdu l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni kif previst fl-Artikolu 1 u m'għandhom

taħt l-ebda ċirkostanza jikkostitwixxu raġunijiet għall-approfondiment tal-asimmetriji bejn l-Istati jew għal sanzjonijiet jew proċedimenti ta' ksur.

Or. pt

Emenda 32

Proposta għal regolament
Anness I – Tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	***6M***	***30.06.SS u*** 31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
	Fertilità	Twelidijiet	***Q***	***Xahar***
			A	Sena
		Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
	Mortalità	Imwiet	***Q***	***Xahar, Ġimgħa***
			A	Sena
		Imwiet tat-trabi	A	Sena
		Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
	Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
		Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew	A	Sena

		f'unjoni reġistrata		
		Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
	Migrazzjoni	Immigranti	***Q***	***Xahar***
			A	Sena
		Emigranti	A	Sena
		Migrazzjoni interna	A	Sena
	Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
		Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

Emenda

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	***A***	31.12.SS
			A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	A	31.12.SS
			MA	31.12.SS
			D	31.12.SS
	Fertilità	Twelidijiet	***A***	***Sena***
			A	Sena
		Aborti kkawżati legalment[1]	A	Sena
	Mortalità	Imwiet	***A***	***Sena***
			A	Sena
		Imwiet tat-	A	Sena

	trabi		
	Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena
	Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena
Migrazzjoni	Immigranti	***A***	***Sena***
		A	Sena
	Emigranti	A	Sena
	Migrazzjoni interna	A	Sena
Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
	Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

[1] Din tingħata b'mod volontarju.

Or. pt

Emenda 33

Proposta għal regolament
Anness I – Tabella 2

Test propost mill-Kummissjoni

Perjodiċità

Trimestrali	***Q***
Kull 6 xhur	***6M***
Annwali	A
Pluriennali (snin li jintemmu bil-“1”, bil-“5”, bit-“8”)	MA
Kull għaxar snin (snin li jispiċċaw bil-“1”)	D

Emenda

Perjodiċità ***imħassar***	***imħassar***
imħassar	***imħassar***
Annwali	A
Pluriennali (snin li jintemmu bil-“1”, bil-“5”, bit-“8”)	MA
Kull għaxar snin (snin li jispiċċaw bil-“1”)	D

Or. pt

NOTA SPJEGATTIVA

L-għarfien statistiku huwa għodda importanti biex jinstabu modi kif jiġu indirizzati l-problemi li jħabbat wiċċu magħhom il-pubbliku, li sikwit ikunu multidimensjonali.

Tabilħaqq, l-għarfien preċiż huwa, fuq kollox, essenzjali biex jiġu identifikati d-diffikultajiet eżistenti u biex jiġu indirizzati aħjar kwistjonijiet bħall-faqar, l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u n-nuqqas ta' aċċess mingħajr ħlas għal infrastrutturi u servizzi pubbliċi universali ta' kwalità, flimkien mal-akkomodazzjoni, l-ugwaljanza tal-ġeneri fuq il-post tax-xogħol u barra minnu u l-valutazzjoni enerġetika tad-djar, biex insemmu biss ftit eżempji.

L-iżviluppi fir-rigward tas-sistemi tal-istatistika, flimkien mal-ġbir, il-ħżin u t-tixrid diġitali tal-istatistika issa jippermettulna nieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati. Madankollu, huma ma jiżgurawx li d-deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' din l-informazzjoni jwasslu għall-progress. Dan huwa l-kompitu ta' dawk li jfasslu l-politika.

L-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni tifforma parti minn sett ta' data ewlenija li għal xi żmien ippermettiet li jsiru paraguni bejn pajjiżi differenti li jkopru l-migrazzjoni u oqsma oħra. Pereżempju, iċ-ċensimenti ta' kull 10 snin imwettqa fl-Istati Membri jipprovdu informazzjoni utli dwar ix-xejriet tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'kontributi estremament siewja mill-istituti nazzjonali tal-istatistika jew awtoritajiet kompetenti oħra fl-Istati Membri.

Dawn l-istituzzjonijiet għaldaqstant jeħtieġ li jkunu mgħammra bir-riżorsi tekniċi u umani meħtieġa biex iwettqu xogħolhom u jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni affidabbli. Aħna konxji li, f'għadd ta' Stati Membri, bla dubju għad fadal xogħol xi jsir f'dan il-qasam biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa. Fid-dawl ta' dan, u minħabba d-differenzi bejn is-sistemi nazzjonali tal-istatistika f'ċerti oqsma speċifiċi, ir-rapporteur tqis li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma jkollux impatt sproporzjonat fuq l-Istati Membri u l-korpi tal-istatistika nazzjonali tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-intervall minimu ta' rappurtar huwa stabbilit għal sena, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għal statistika obbligatorja infra-annwali.

Is-sistemi nazzjonali tal-istatistika tad-diversi Stati Membri huma strutturati b'mod differenti, kull wieħed bil-karatteristiċi speċifiċi tiegħu u bil-livelli ta' żvilupp tiegħu. L-armonizzazzjoni tal-kunċett ta' bażi tal-popolazzjoni kostanti fir-rigward ta' perjodi ta' residenza, kif stabbilit fil-proposta għal Regolament, jista' jkollha impatt negattiv sproporzjonat fuq ċerti Stati Membri, speċjalment dawk li jużaw sorsi amministrattivi. Barra minn hekk, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jinżammu d-data tal-istatistika tagħhom u r-rekords tal-popolazzjoni tagħhom. F'ċerti Stati Membri, kunċett bħal dan ibbażat fuq il-popolazzjoni jkun jeħtieġ l-introduzzjoni ta' rekords tal-istatistika tal-popolazzjoni jew ir-ristrutturar ta' dawn ir-rekords, u dan mhuwiex mixtieq. Ir-rapporteur għaldaqstant tirrakkomanda li tinżamm il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 763/2008 u tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 1260/2013.

Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea skont il-proposta tagħha jippermettu li l-programm jiġi emendat u estiż b'mod unilaterali u li l-frekwenza u l-perjodi ta' referenza tiegħu jiġu aġġustati permezz ta' atti delegati, b'mod li jqajjem dubji dwar iċ-ċertezza legali meħtieġa u l-prevedibbiltà fir-rigward tal-ispejjeż u l-ippjanar għall-korpi nazzjonali tal-

istatistika jew awtoritajiet kompetenti oħra. Għalhekk aħna nqisu li kwalunkwe emenda bħal din għandha titressaq permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jesprimu l-fehmiet tagħhom u tagħtihom żmien biex jippreparaw.

Huwa meħtieġ ukoll li jiġu żgurati l-ogħla standards tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza permezz tal-konformità mar-rekwiżiti xierqa ta' anonimizzazzjoni u psewdoanonimizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà, l-ipproċessar, it-tixrid u l-kondiviżjoni tad-data tal-istatistika.